# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

### Seduta ta' Nhar il-Hamis 12 ta' Lulju 2018

**Rikors Numru : 12/2018 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**Mark Anthony Portelli**

**Vs**

**Norman Zammit**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' mahluf ta' Mark Anthony Portelli (ID: 535880M), datat 5 ta' Jannar 2018, a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

*Jesponi bir-rispett u bil-Malti jiddikjara, u bil-gurament tieghu jikkonferma:-*

1. *Illi l-attur silef lill-konvenut l-ammont ta' hamsin elf euro (Euro 50,000) ghall-bzonnijiet tal-konvenut;*

2. *Illi dawn il-flus gew avvanzati lill-konvenut fil-25 ta' Ottubru 2013, u dan kif jidher minn kopja ta' cekk, hawn anness, esebit u mmarkat bhala* ***DOK.A****;*

3. *Illi fil-31 ta' Lulju 2015, il-konvenut radd lura ghaxart elef euro (Euro 10,000), hekk kif jirrizulta minn kopja ta' ricevuta, hawn annessa, esebita u mmarkata bhala **DOK. B**;*

4. *Illi l-konvenut ghamel pagament iehor ta' ghaxart elef euro (Euro 10,000) fis-17 ta' Awissu 2015, hekk kif jirrizzulta minn kopja ta' Deposit slip hawn anness, esebit u mmarkat bhala **DOK. C**;*

5. *Illi l-konvenut ma ghamel ebda hlas ulterjuri;*

6. *Illi ghalhekk, il-bilanc li ghadu dovut lill-esponenti jammonta ghal tletin elf euro (Euro 30,000);*

7. *Illi l-konvenut gie interpellat sabiex irodd lura l-bilanc rimanenti permezz ta' ittra legali datata 18 ta' Dicembru 2017, li kopja taghha tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala **DOK. D**, izda baqa inadempjenti;*

8. *Illi l-ammont pretiz ta' tletin elf euro (Euro 30,000) huwa cert, likwidu u dovut, u sa fejn jaf l-attur, il-konvenut m'ghandu ebda difiza valida fil-Ligi x'jipproponi biex jikkontesta din il-kawza;*

9. *Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza ta' l-esponenti;*

10. *Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

*Jghid il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta' l-Artikolu 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta:*

1) *Tiddikjara li l-konvenut huwa debitur ta' l-attur fis-somma ta' tletin elf euro (Euro 30,000);*

2) *Tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur ihallas l-ammont ta' tletin elf euro (Euro 30,000);*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra legali tat-18 ta' Dicembru 2017, u tal-Mandat ta' Sekwestru intavolat kontestwalment, kontra l-konvenut, li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.*

*Dikjarazzjoni tal-Fatti ta' l-attur Mark Anthony Portelli (ID: 535880M)*
*Tesponi bir-rispett:-*

1. *Illi jien u Norman Zammit konna hbieb, u anke shab f'negozju, u abbazi ta' hekk sliftu Euro 50,000 ghall-bzonnijiet tieghu u n-negozji tieghu;*

2. *Illi minn dan l-ammont, Norman Zammit hallasni lura biss Euro 20,000;*

3. *Illi minn sentejn ilu lil hawn, Norman Zammit ma hallasni ebda flus ohra lura;*

4. *Illi jien tlabtu jirrifondini flusi, izda dan m'ghamlux u ghalhekk kelli nipprezenta din il-kawza.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi minkejja li kien debitament notifikat, meta ssejhet il-kawza fl-udjenza tal-Erbgha 27 ta' Gunju, 2018 l-intimat baqa' ma deherx. Lanqas ma deher fl-udjenza tat-12 ta' Lulju, 2018;

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat illi minkejja li l-intimat gie debitament notifikat permezz tal-publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta lokali wahda bil-lingwa Maltija, la hu u lanqas

rapprezentant tieghu ma deher quddiem din il-Qorti sabiex jirrispondi ghat-talbiet tar-rikorrenti.

Il-Qorti rat illi fl-udjenza tas-27 ta' Gunju 2018, Dr. James D'Agostino bil-gurament xehed a fol 48 u kkonferma illi s-somma ta' €30,000 mitluba fir-rikors promotur ghadha dovuta minn Norman Zammit, peress li l-ebda ammont ma thallas fil-mori tal-proceduri;

Il-Qorti rat l-Artikoli 167 et seqq. tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Peress illi fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza skond il-procedura tal-Artikolu 167 et. seqquens tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

**Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors Promotur jirrizultaw ippruvati, taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:–**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tiddeciedi l-kawza bid-dispenza tas-smiegh ai termini tal-Artikolu 167 et seq tal-Kapitolu 12;**
2. **Tiddikkjara illi intimat huwa debitur tar-rikorrenti fl-ammont ta' tletin elf ewro (€30,000) u;**
3. **Konsegwentement tikkundanna lill-istess intimat sabiex ihallas is-somma ta' tletin elf ewro (€30,000) lir-rikorrenti, bl-imghax legali dekorribbli mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat.**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**